# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**
**ONOR. GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 5 ta' Frar, 2001.**

**Numru 10**

**Citaz. Nru. 763/00GV**

**United Acceptances Finance Ltd**

**vs**

**Medaria Ltd u Frank Cachia**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha gie premess illi s-socjeta' attrici tinsab kreditrici tal-konvenuti fis-somma ta' hdax il-elf, tlett mija u dsatax il-lira Maltin u wiehed u hamsin centezmi (Lm11,319.51) import ta' kambjali minnhom accettati u ffirmati, kopja ta' liema kambjali jinsabu hawn annessi u markati Dokumenti "1" sa "7";

Premess illi dawn il-kambjali skadew izda baqghu ma thallsux nonostante illi l-konvenuti gew interpellati sabiex ihallsu;

Premess illi l-ammont huwa cert, likwidu u jezistu l-elementi kollha rikjesti mill-ligi a tenur tal-artikoli 167-170 tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u tal-Procedura Civili;

Ghaldaqstant is-socjeta' attrici talbet lil din il-Qorti:

1. Tipprocedi ghas-sentenza skond it-talba tal-istanti, b'dispensa ghas-smiegh tal-kawza ai termini tal-artikoli 167-170 tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u tal-Procedura Civili;

2. Tikkundanna lil-konvenuti jhallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' hdax il-elf.tlett mija u dsatax il-lira Maltin u wiehed u ghoxrin centezmi (Lm11,319.51) import ta' kambjali minnhom accettati u ffirmati, liema kambjali skadew izda baqghu ma thallsux.

Bl-imghaxijiet kummercjali mid-data ta' kull skadenza sad-data tal-pagment effettiv u bl-ispejjez kollha nkluzi tal-ittri ufficjali u tal-mandati kawtelatorji li qed jigu pprezentati kontestwalment ma din ic-citazzjoni kontra l-konvenuti.

Rat id-dikjarazzjoni w in-nota tax-xhieda tas-socjeta' attrici

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lill konvenuti li naqsu li jipprezentaw nota' ta' eccezzjonijiet u hekk baqghu kontumaci;

Semghet l-avukat tas-socjeta' attrici; Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti t-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata;

Fil-kontumacja tal-konvenuti tiddecidi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici kif dedotta fic-citazzjoni bl-imghax u bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Frankie Mercieca**
**DEPUTAT REGISTRATUR**